MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 324/2006

**Maltacom Plc**

**vs**

**Alfred Schembri & Sons Limited (C11164)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ tlett mija sebgha u tmenin Lira Maltin u hdax-il centezmu (LM387.11) in kwantu ghal tlett mitt disgha u sebghin Lira maltin u hdax-il centezmu (LM379.11) in konnessjoni ma hsarat ikkagunati lill-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici waqt xoghlijiet fi Triq Bankieri, Qormi f’Ottubru 2004 u dan skond fattura bin-numru 19913 data 20 ta’ Gunju, 2005 u ghal tmien Liri Maltin (LM8) in konnessjoni ma ittra ufficjali mahruga fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bir-riferenza 43106 (GT3/2004/48) illi nterpellat diversi drabi sabiex

tghaddi ghal hlas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ghaldaqstant, permezz ta' din l-istanza s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex:

1. jiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli tal-hsarat minnha kkawzati lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici;
2. jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont kif mitlub, inkluz l-ispejjez tal-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta Alfred Schembri & Sond Ltd fejn gie sollevat illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat in kwistjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Sema' x-xhieda ta' PS487 Reuben Balzan, Raymond d'Anastasi, Joe Chircop, Johann Farrugia u Carmel Farrugia u x-xhieda bl-affidavits ta' Dr Keith Grech, Ronald Cuschieri , Paul Aquilina, Victor Busuttil u Carmel Azzopardi;

Ra x-xhieda dokumentali kollha fl-Atti tal-kawza;

Ra n-Noti ta' sottomisjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar hsarat infrastrutturali (kabinett) ikkagunati lis-socjeta' attrici allegatament waqt xoghlijiet maghmula fi Triq il-Bankiera, Qormi, f'Ottubru 2004. Dawn ix-xoghlijiet kienu saru skond permess mahrug mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) lis-socjeta' konvenuta.

Illi fl-10 ta' Settembru, 2004 is-socjeta' attrici infurmat lis-socjeta' konvenuta bil-presenza tal-infrastruttura taghha

skond Dok KG2 u imponiet lis-socjeta' konvenuta il-kundizzjonijiet taghha sabiex ikunu jistghu jsiru xi xoghlijiet madwar l-infrastruttura appartenenti lis-socjeta' attrici.

Illi skond rapport ipprezentat minn PS487 Reuben Balzan, Ronald Cuschieri, Inginier mas-socjeta' attrici kien irraporta illi kuntrattur u cioe' s-socjeta' konvenuta kienet ghamlet xi hsarat fil-proprjeta' appartenenti lis-socjeta' attrici. Illi Charles Farrugia, *foreman* mas-socjeta' konvenuta qal illi l-haddiema li hadmu fi Triq il-Bankiera, Qormi ma kienux qattghu f'dawk l-inhawi u li ma kienux ghamlu ebda hsarat fl-infrastruttura tas-socjeta' attrici. Fl-istess rapport gie stabbilit illi certu Simon Galea, haddiem mall-kuntrattur u cioe' s-socjeta' konvenuta kien qieghed jahdem b'*jack hammer* tal-idejn hdejn il-proprjeta' tas-socjeta' attrici izda ma kienx ghamel hsarat fl-imsemmija infrastruttura tas-socjeta' attrici.

It-Tribunal ra r-ritratt tal-hsarat in kwistjoni;

Illi skond ix-xhieda ta' Ronald Cuschieri, huwa ddikjara illi s-socjeta' konvenuta kienet ikkawzat il-hsarat in kwistjoni. Zied jghid illi il-kabinett li garrab il-hsarat huwa prezenti fit-Triq Bankieri u li s-socjeta' konvenuta kienet taf bil-presenza ta' dan il-kabinett.

Victor Busuttil impjegat mas-socjeta' attrici qal illi huwa kien inkarigat milli jinfurma liill-kuntratturi dwar l-infrastrutturi prezenti waqt li jkunu ghaddejjin xi xoghlijiet ta' thaffir u huwa kien bghat lill-Carmel Azzopardi, *overseer* sabiex imur fit-toroq indikati fuq il-permess mahrug mill-ADT sabiex jiehu konjizzjonijiet tax-xoghlijiet li kienu ha jkunu ser jibdew u jaghmel il-marki necessarji flimkien mall-kuntrattur. Dawn huma il-marki ghal-presenza ta' infrastrutturi sotterranji izda ghal l-infrastruttura li tkun fuq l-art u hija visibbli minn kulhadd ma hemmx il-htiega ta' xi marki partikolari, bhal kif kienu il-'cabinets' in kwistjoni.

Gie stabbilit illi hsarat kienu fi tlett 'cabinet heads, cabinet shell u cabinet plinth.' Dan il-kabinett jinsab fi Triq il-

Bankiera vicin fejn is-socjeta' konvenuta kienet qieghda thaffer.

Skond ix-xhieda ta' Johann Farrugia, Perit mas-socjeta' konvenuta jghid illi l-kaxxa tal-Maltacom u cioe' s-socjeta' attrici, ma kienetx tinsab vicin it-trinek u l-anqas fejn kienu saru x-xoghlijiet. Jghid illi meta mar biex jara dawn il-hsarat ma kienux ikkagunati minn nies tas-socjeta' konvenuta u l-anqas ma gew maghmula bl-ghodda taghhom. Jghid illi aktarx it-terren fejn kien il-kabinett kien ceda wara l-ilmijijet tax-xita ta' dak iz-zmien. Skond l-istess xhud huwa jghid illi l-haddiema ts-socjeta' konvenuta kienu hadu l-prekawzjonijiet necessarji u haffru bil-mod 'l mod izda ma kienu ghamlu ebda' support' ghal kaxxa.

Skond ix-xhieda ta' Carmel Farrugia, foreman mas-socjeta' konvenuta jghid illi t-trinka kienet saret ftit 'l barra mill-kaxxa u xi jumejn wara li t-trinka saret, kienet ghamlet ix-xita. Spjega kif il-haddiema tas-socjeta' konvenuta kieneu rabtu din il-kaxxa mall-hajt, b'zewg grampuni u bicca 'wire.' Jghid illi hu kien prezenti l-hin kollu u l-hadiema qatt ma laqtu 'cable.' Ix-xhud qal ukoll illi matul ix-xoghlijiet xi haddiema tas-socjeta' attrici kienu jigu jaghmlu xi xoghlijiet fl-istess kabinett.

Illi t-Tribunal jidhirlu lli t-thaffir tat-trinka fi Triq il-Bankiera, Qormi kien sar bil-permess u awtorizazzjoni tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT.)

Illi din il-kawza titratta dwar hsarat f'kabinett li kien jinsab f'triq u mhux hsarat f'cables' li jinsabu sotterrati. Illi qabel ma bdew ix-xoghlijjiet jsiru l-marki fejn hemm il-'cables' appartenenti entitajiet terzi. Illi fil-kaz odjern mhuwiex kaz ta' marka ghal 'cable' sotterrat izda hsara f'kabinett li kien visibbli fit-triq il-Bankiera. Ghalhekk ghal dan il-kabinett ma kien hemm bzonn ta' ebda marki izda s-socjeta' konvenuta kienet taf b'dan il-kabinett.

Illi t-Tribunal jinnota lli meta ha jkun hemm thaffir tezisti procedura fejn flimkien ma *overseer* ta' socjeta' terza

izuru l-inhawi u jaghmlu l-marki necessarji kif gara f'dan il-kaz mas-socjeta' attrici. Fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda bzonn ghal marki  fiuq il-kabinett peress illil-kabinett kien facilment  vizibbli miz-zewg partijiet. Izda kien hemm bzonn il-marki sabiex tithaffer it-trinka. It-Trinka thaffret xi nofs metru 'l bod mill-kabinett li garrab il-hsara.

Illi skond ix-xhieda tal-Perit Farrugia is-socjeta' konvenuta ma kienetx ghamlet ebda support ghal kabinett wara li haffru t-trinka. Huwa dehrlu lli il-qtugh kien sar 'l bod bizzejjed minn mall-kabinett. Fi kliem il-'foreman' tas-socjeta' konvenuta jghid illi huma kienu hadu l-prekawzjonijiet kollha u shnsitra rabtu il-kabinett ma grampun mall-hajt.

Jidher illi hemm qbil bejn iz-zewg partijijet biss, illi t-trinka kienet xi nofs metru 'l bod minn mall-kabinett.

It-Tribunal, huwa konvint illi l-akkadut huwa wiehed accidentali izda xi hadd huwa responsabbli ghal hsara li rrizultat.

Mix-xhieda jidher illi hemm xhieda konfliggenti bejn il-haddiema tas-socjeta' konvenuta. Fl-waqt illi l-Perit Farrugia jghid illi ma kienux ghamlu ebda support ghall-kabinett, il-'foreman' Carmel Azzopardi qal illi l-kabinett gie marbut b'bicca wire u mwahhal ma grampun mall-hajt.

It-Tribunal, huwa konvint lli l-kabinett waqa' rizultat ta' cediment tal-art ta' tahtu. Fil-fehma tat-Tribunal ma ttiehdux prekawzjonijiet adatti sabiex jigu evitati hsarat bla bzonn. In oltre, it-Tribunal jidhirlu lli  l-kuntrattur ghandu dover li jinforma lill-klijent b'infrastrutturi  vizibbli u apparteneti lill-terzi li jistghu jgarrbu hsarat tul ix-xoghlijiet u sabiex il-klijent flimkien mall-kuntrattur jiehdu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jigu evitati hsarat bla bzonn fl-inhawi ta' fejn ser ikunu ghaddejjin ix-xoghlijiet.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi ezebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li meta s-socjeta' konvenuta ndunat bil-kabinett, jinkombi b'dover

fuq il-kuntrattur illi javza lill-klijent b'dawn l-infrastrutturi vizibbli sabiex jittiehdu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jigu evitati hsarat bla bzonn u hawnhekk ikun jidher l-abilita' u d-diligenza tal-kuntrattur li jiehu hsieb li xejn ma jsir li jista' jikkaguna periklu jew hsara proprjeta' ta' terzi. Jidher illi s-socjeta' konvenuta kienet a konoxenza ta' dawn l-infrastrutturi izda ma kienetx avzat lill-klijent taghha.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu lli meta kuntrattur jkun a konoxemza ta' infrastrutturi vizibbli u ma javzax lill-klijent li dawn l-infrastutturi apparteneti lill-terzi jistghu jgarrbu xi hsarat tul ix-xoghlijiet huwa jkun qieghed jassumi ir-responsabilita' fil-kaz illi dawn l-infrastrutturi jgarrbu hsarat u ghaldaqstant ma jistax jigi ezentat mill-htija jekk il-hsara tavvera ruhha.

Ghalhekk it-Tribunal jiddikjara s-socjeta' konvenuta responsabbli tal-hsarat lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ihallas l-ammont fis-somma ta' tlett mija sebgha u tmenin Lira Maltin u hdax-il centezmu (LM387.11) u mghaxijiet legali.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------